**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta'Jannar 2024**

Rikors Numru: 585/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1565/1990)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-Ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disghin (1990) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok.A) u minn dan iz-zwieg twieled wild, D li twieled nhar l-erbgha u ghoxrin (24) taAwwissu tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995) u li huwa maggorenni u filfatt jghix barra minn Malta;

2. Illi filwaqt li l-partijiet kienu ilhom separati de facto sa mis-sena elfejn u tlettax (2013) kif gie ddikjarat mill-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni personali (hawn anness u mmarkat bhala Dok.B), l-istess iddecidew li jifthu proceduri taseparazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta u konsegwentament il-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt taseparazzjoni personali (vide Dok.B anness) in forza ta' Digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat l-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022);

3. Illi in segwitu ghal premess, il-partijiet ilhom de jure separati mis-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022) kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni personali datat l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022) in atti tan-Nutar Dottor Alicia Agius;

4. Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom de jure separati mis-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi ai termini tal-artiklu tlieta (3) tal-kuntratt ta' separazzjoni surreferit, l-partijiet iddekadew reciprokament ghad-dritt li jitolbu manteniment minn ghand xulxin, u ghalhekk m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment:

6. Illi jigi rilevat ukoll li in kwantu jirrigwarda l-wild D B, fid-dawl tal-fatt li fid- data tas-separazzjoni bejn l-esponenti u l-intimat, D kien diga maggorenni u cioe kellu sebgha u ghoxrin (27) sena, l-ebda manteniment ma kien u hu dovut minghand l-intimat versu t-tifel;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan salv kull provvediment iehor li din l-Qorti tqis xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha kkonferma l-kontenut tar-rikors tal-attrici u fic-cirkostanzi ma jopponix ghat-talba tal-istess attrici b'dana illi m'ghandu jbati l-ebda spejjez.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Novembru, 2023;

Rat ir-risposta tal- l-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati mill-2013 u legalment separati mill-24 ta' Gunju, 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur

tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.